NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**Nru. 405.** **SETTEMBRU 2010.**

==================================================================

## Siltiet mill-ittra Pastorali tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex -

## Fl-okkażjoni tal-Festa Marija Mtellgħa fis-Sema - 2010

**It-tweġiba tagħna: is-solidarjetà**

Il-kmandament tal-imħabba li tana Ġesù huwa t-tweġiba għal din l-isfida: "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin" (Ġw. 13,34). Din l-imħabba tal-proxxmu tissarraf fi spirtu ta' solidarjetà. Ġesù qalilna ċar u tond: "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt. 25,40). Kuntrarju għal kif jaħsbu xi wħud, is-solidarjetà mhix atteġġjament sentimentali jew xi forma ta' assistenzjaliżmu! Infatti tkun solidali ma jfissirx li tagħmel elemożina jew xi azzjoni karitattiva ta' darba! Kif jikteb il-Papa Benedettu XVI fl-enċiklika *Caritas in Veritate*, hemm bżonn negħlbu l-viżjoni frammentata tas-solidarjetà, jiġifieri ta' solidarjetà bl-iskossi jew darba kull tant, u niskopru d-dimensjoni soċjali u politika tagħha. Hemm rabta bejn is-solidarjetà u l-ġustizzja: għax li ma tittraskurax lill-proxxmu tiegħek jassigura ħarsien mhux biss tal-ġid individwali imma wkoll tal-ġid komuni. Is-solidarjetà hija virtù li tesprimi ruħha f'imġiba abitwali u kontinwa tal-persuna – jiġifieri mġiba li ssir parti mill-karattru tal-persuna u li tidher fl-azzjonijiet kollha tagħha ta' kuljum. Is-solidarjetà hija dispożizzjoni tal-qalb li tgħaqqad iċ-ċittadini kollha flimkien b'tali mod li ħadd ma jitħalla jinħakem mix-xewqa li jintilef fil-folla anonima – għax huwa faċli li, biex wieħed ifarfar ir-responsabiltajiet tiegħu, anke dawk soċjali, jagħżel li jkun bla isem u jilbes il-maskra biex jaħbi wiċċu!

**Alla solidali mal-bniedem**

Il-festa ta' Marija mtellgħa fis-sema tikkonferma kemm Alla huwa solidali mal-bniedem. Alla tant ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem (ara Ġw. 3,16). L-ewwel, Ġesù Kristu bata u miet biex ikun bħalna f'kollox; imbagħad, meta bil-qawmien tiegħu huwa rebaħ fuq il-mewt, b'solidarjetà magħna tana sehem minn din ir-rebħa fuq l-agħar għamla ta' faqar li jista jaħkimna: id-dnub u l-mewt. L-akkwist tal-Assunta huwa l-akkwist tagħna. Dan huwa motiv biex nifirħu flimkien u naħdmu għal soċjetà fejn is-solidarjetà tgħammar fost il-bnedmin.

**N.B.Aqra il-Pastorali kollha minn fuq il-Website tal-Kurja ta' Għawdex li hija: www. gozodiocese.org**

=======================================================================

## FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI 20010-2011 TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX

**Is-Sibt, 9 ta' Ottubru, 2010** ser isir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex fuq bażi djoċesana 2010 -2011 fis-Santwarju tal-Madonna TA'PINU . Tibda fil-5.30p.m b'diskors tal-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika,Reċita mit-tfal tad-Dar tal-Providenza ta' Malta f'ġieħ Mons Mikiel Azzopardi fundatur għeluq il-Mitt sena mill-Mewt tiegħu u wara Ruzarju medita u fis-6.30p.m.quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Il-membri kollha huma mitluba li jattendu.

# Kalendarju Pastorali
# Settembru – 2010
# Numru 405.

| | |
|---|---|
| 1 Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m. |
| 3 Ġimgħa | San Girgor il-Kbir Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (0)<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 4.Sibt | L-Ewwel Sibt tax-xahar. Kunsill Presbiterali fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fid-9.00a.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 5.Ħadd | It-23 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena Ċ. |
| 7.Tlieta | Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija. 7 ta' Setembru 1921. |
| 8.Erbgħa | It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija – Festa.<br>Festa ta' Marija Bambina – Parroċċa Xagħra.<br>Jum il-Vitorja Festa Nazzjonali |
| 9.Ħamis | San Pietru Claver presbiteru. Tifkira.<br>Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Art Imqaddsa sas-16 ta' Settembru |
| 11.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 12.Ħadd | L-24 Ħadd tas-Sena. Messalin sena Ċ.<br>Festa tal-Madonna tal-Grazzja – Knisja tal-Kapuċċini, Victoria.<br>Irtir għas-saċerdoti Manresa mit-12-17 ta' Settembru. Predikatur: Mons Alfred Xuereb |
| 13.Tnejn | San Ġwann Kriżostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja – Tifkira (0).<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30p.m.Adorazzjoni solenni u fis- 6.30p.m. Quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' Talb . |
| 14.Tlieta | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Messalin Sena A. p.473. |
| 15.Erbgħa | L-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri – Tifkira (0). |
| 16.Ħamis | Il-146 Anniversarju tat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija – Festa. |
| 17.Ġimgħa | San Roberto Bellarmino, isqof u duttur tal-Knisja –Tifkira.<br>San Franġisk fl-għoti tal-Pjagi –Tifkira. |
| 18.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Fil-Knisja ta' Ħamet, Victoria fit-8.30p.m. |
| 19.Ħadd | Il-25 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena C.<br>Laqgħa Kumunitajiet Ewkaristiċi –Manresa fil-4.00p.m. |
| 20.Tnejn | Laqgħa għall-għalliema tar-Reliġjon u għar-*Religious Counsellors* (Kurja – 10a.m.) |
| 21.Tlieta | San Mattew apostlu u evanġelista – Festa.<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Djoċesan –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-7,00p.m.<br>Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali). |
| 22.Erbgħa | Assemblea Djoċesana tal-Katekisti- mit-22 sal-24 ta'dan ix-xahar.<br>Laqgħa tal-Kummmissjoni Djoċesan Familja –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00p.m,. |
| 23.Ħamis | San Piju minn Pietrelcina presbiteru. Tifkira (0) |
| 24.Ġimgħa | Seminar Kummissjoni Parrokkjali Familja (KDF – Ċentru ta' Kana - 5.00 - 8.00p.m.) |
| 25.Sibt | Seminar Kummissjoni Parrokkjali Familja (KDF – Ċentru ta' Kana - 9.00a.m.-12.00)<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria li tibda fis-7.00p.m.<br>Il-Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. ser isir fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria li jibda bil-quddiesa fit-8.30p.m. |
| 26.Ħadd | Is-26 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena Ċ. |
| 27.Tnejn | Laqgħa għar-Retturi tal-Knejjes – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – fis-7.00p.m. |
| 28.Tlieta | Laqgħa għad-Delegati tal-Uffiċċji Pastorali – Kurja – 9.00a.m.<br>Laqgħa għad-Diriġenti tal-Għaqdiet – Manresa fis-7.00p.m. |
| 29.Erbgħa | L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijel u Rafel. – Festa.<br>Laqgħa għall-membri tal-Kummissjonijiet Djoċesani – Manresa - 7.00p.m. |
| 30.Ħamis | San Ġlormu Saċerdot u Duttur tal-Knisja. Tifkira (0).<br>"Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu".<br>Laqgħa għall-Membri tal-Kunsill Parrokkjali – Ċentru Munxar –fis-7.00p.m.<br>Laqgħa għall-persuni separati – KDF – Manresa – fit-8.00p.m. |

**INĦEĠĠU LIL KULĦADD SABIEX JATTENDI GĦAT-TAGĦLIM TAL-KATEKIŻMU SKOND IL-KATEGORIJA TIEGĦU**

"IT-TAGĦLIM HUWA L-GĦAN TA' KULL ĠID"

==========================================================

**Ngħidu r-Rużarju kollu kuljum lill-Madonna b'ħeġġa kbira fix-xahar li ġej ta' Ottubru**

==========================================================